# Leli ż-Żurrieqi u n-nar tal-art f'Ħal Tarxien

Kitba ta Alfred Portelli

Il-Festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien dejjem kienet magħrufa għall-kwalità ta' nar u anke kwantità ta' nar li jinħaraq, kemm dak tal-ajru u anke tal-art, b'mod spettakolari u ammirat minn kulħadd. Però fin-nar tal-art nistgħu ngħidu li Ħal Tarxien kien fuq fomm kulħadd fis-snin ta' wara il-gwerra.



Ħal Tarxien kellu x-xorti li sab bniedem li kien espert fil-piroteknika u b'mod partikulari fil-manifattura tan-nar tal-art. Dan il-bniedem kien jismu Emanuel Ellul magħruf mid-dilettanti tan-nar ta' Malta u Għawdex speċjalment fis-snin 40 wara il-gwerra bil-laqam ta' Leli ż-Żurrieqi. Leli twieled fl-1904 u kien tgħallem din is-sengħa piroteknika mingħand it-Taljan espert Caffarelli. Huwa kien magħruf mhux biss għall-mekkaniżmu u l-perfezzjoni li kien jaħdem in-nar tal-art, iżda anke kien speċjalista tat-tempijiet tal-funtani. Leli kien imsemmi ħafna għall-famuża funtana oriġinali esklussiva tiegħu, dik tal-erba' ħsejjes. Miegħu kellu rġiel oħra Tarxiniżi li kienu jgħinuh fosthom Leli Agius id-Dajda u membri oħra tal-familja tiegħu, Nardu l-Koppi, Spiru Xerri il-Kaws, Ċensu Camilleri s-Sold, Neriku Vassallo, Ċensu l-Iskarpar, Ġuzeppi Farrugia Pupparu u Indri Barbara.

Min għandu 'l fuq minn 60 sena żgur li jiftakar żewġ ħarqiet li baqgħu jissemmew sal-lum u anki ġew dokumentati, dik tal-1945 u tal-1958. Fl-1945 Leli u sħabu ppreparaw ħarqa kbira fejn hemm it-Tempji Neolitici. Dakinhar spikkaw il-famuża raddiena tal-ajruplani, Ingliżi u Ġermaniżi armati f'forma ta' swastika ġermaniża ta' Hitler u jisparaw għal xulxin. Leli b'intelliġenza kbira mmira biex jeqred dawk Ġermaniżi. Dan in-nar kien xi ħaġa unika fil-pajjiż u għalih attendew folol ta' nies kemm minn Malta u anke minn Għawdex. Tant baqa' magħruf dakinhar, li l-mibki Charles Clews wara bosta snin kien iddedika ż-żewġ faċċati tan-nofs tal-gazzetta "It-Torca" li





toħroġ il-Ħadd bir-ritratti ta' dan in-nar tal-art u anke naturalment kiteb u ddeskriva fuq dan l-ispettaklu u minn min kien inħadem. L-uniku rikordju ta' dik il-ħarqa huma r-ritratti li jinsabu fil-Każin tal-Banda.

Ħarqa kbira oħra ta' nar tal-art kienet saret fil-pjazza tal-knisja fl-1958 u li konna għamilna referenza għaliha fil-pubblikazzjoni li l-Għaqda tan-Nar ippubblikat fil-ħarġa tal-festa tas-sena l-oħra. Għall-darb'oħra, Leli kien il-bniedem li kkordina dan il-famuż nar tal-art. Leli u sħabu kienu żvillupaw teknika tal-irdieden bil-universals u tista' tgħid li Ħal Tarxien huma pijunieri f'Malta f'din il-kwalità ta' mekkaniżmu. F'dak iż-żmien kien invoga ħafna il-ġeneru tal-mużika "Rock & Roll" u protagonista kien hemm il-leġġendarju kantant Elvis Presley. Leli bħal dejjem kien jaħdem l-irdieden skont it-temi li kienu moda u popolari għal dak iż-żmien partikolari. Għal dan il-għan kien ħadem raddiena ta' ġuvni u tfajla jiżfnu ghar-ritmu tal-mużika "Rock & Roll" permezz ta' *loudspeakers* minn fuq il-bejt u naturalment lil Elvis bil-famuża kitarra tiegħu. Tista' tgħid li din kienet l-ewwel raddiena ġo Malta li kienet inħarqet filwaqt li kienet sinkronizzata mal-mużika.

Għal din il-wirja, ir-*Redifussion* li kien imexxi x-xandir dak iż-żmien, kien irrekordja dokumentarju li kien ġie mxandar nhar il-Ħadd, 11 ta' Mejju 1958. Leli u sħabu kienu jagħmlu dan in-nar fil-pjazza tal-knisja u ma' ġenbha mhux biss fil-festa tal-Lunzjata, iżda anke fil-festa sekondarja tal-Madonna tad-Duttrina. F'dan in-nar tal-art, Leli kien jimla l-pjazza u jibqa' tiela' tul il-ġenb tal-knisja kollha.

Emanuel Ellul ħalla din id-dinja fis-16 ta' Mejju 1962 propju fl-ewwel jum tan-Novena tal-festa tal-Annunzjata. Sena qabel il-mewt tiegħu, ir-raħal tilef lil Ċensu Camilleri mlaqqam bħala s-Sold fl-għomor ta' 58 sena u li kien dilettant ieħor kbir tan-nar. Dan in-nar, kemm tal-art u anke tal-arju kien jinħadem fil-post tan-nar li Ħal Tarxien kellu fejn illum hemm il-Parroċċa ta' Santa Luċija. Dan il-post twaqqa' fis-snin 50 biex inbena l-*Housing Estate* u Ħal Tarxien kien spiċċa bla post tan-nar.

Lil dawn ħutna pijunieri Tarxiniżi li taw sehemhom tul iż-żmien f'kull aspett tal-festa, għandna għax inkunu grati lejhom u barra li nirringrazzjawhom ta' ħidmiethom b'risq ir-raħal ta' Ħal Tarxien insellmu l-memorja tagħhom u nibqgħu nsemmuhom biex aħna u ta' warajna nibqgħu niftakruhom.